# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Erbgħatax (14) ta' Diċembru 2023**

**Rikors Numru 577/2023 FDP**

Fl-ismijiet

**Hadrian Bonello (ID 592364M) u Brian Bonello (ID 261467M)**

**vs**

**Natalia Alexandrovna Menshova (ID 18943)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 6 ta' Ġunju 2023, li permezz tiegħu r-rikorrenti, bil-ġurament ta' Brian Bonello, talbu s-segwenti:

    1. *L-esponenti huma sidien il-fond terran bl-isem "Venus" bin-numru tlieta u ħamsin (53) fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara illi akkwistaw b'kuntratt ta' donazzjoni datat 19 ta' April 2021 fl-atti tan-nutar Patricia Vella Haber (**Dok A**).*

    2. *Il-proprjeta` kienet mikrija lill-Patrick Costigan b'kirja antika ta' qabel l-1995 (estratti mill-ktieb tal-kera anness u mmarkati **Dok B**). Riċentement, l-esponent Hadrian Bonello mar biex jiġbor il-kera mingħand Costigan, u sab lil martu, il-konvenuta, tbiddel is-serratura tal-bieb prinċipali tal-*

*fond. Dak il-ħin il-konvenuta infurmatu li Costigan kien ġie nieqes, u li hi kienet qed tippretendi li kellha jedd tkompli fil-kirja minfloku.*

3. *Jirriżulta li Costigan verament ġie nieqes fit-28 ta' April 2023, kif jirriżulta mill-ittra tal-Burials Administration Unit (**Dok C**) u kif konfermat mid-dikjarazzjoni tal-konvenuta fis-seduta quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fejn l-esponenti għamlu kawża kontra Costigan għall-awment fil-kera (**Dok D**).*

4. *Mhux kontestat illi l-konvenuta kienet miżżewġa lill-Patrick Costigan; madankollu l-konvenuta ma għandha ebda titolu fuq il-fond in kwistjoni billi ma tikkwalifikax bħala 'kerrej' skont il-liġi, inter alia għaliex hija żżewġet lill-Costigan fl-2018 kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħhom anness u mmarkat **Dok E**.*

5. *Minkejja li ġiet interpellata biex tivvaka mill-fond, hija għadha sal-lum tirrifjuta li tivvaka l-fond.*

6. *Għalhekk jeżistu l-elementi kollha preskritti bid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-konvenuta tiġi żgumbrata mill-fond bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża billi sa fejn jafu l-esponenti l-konvenuta ma għandhiex difiża x'tagħti kontra dawn it-talbiet.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni oħra li tista` tirriżulta meħtieġa, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara skont it-talbiet bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara li l-konvenuta ma għandha ebda titolu fuq il-fond terran bl-isem "Venus" bin-numru tlieta u ħamsin (53) fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara.*

3. *Konsegwentement tordna lill-konvenuta sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss minn din il-Qorti tiżgombra mill-fond terran bl-isem "Venus" bin-numru tlieta u ħamsin (53) fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, u tagħti lill-esponenti ċ-ċwievet kollha tal-istess.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuta.*

2. Rat illi fl-10 ta' Lulju 2023 il-kawża ġiet appuntata għat-23 ta' Ottubru 2023 fid-9.30am.

3. Rat illi fit-28 ta' Settembru 2023, sar rikors sabiex l-intimata tiġi notifikata bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni wara illi kienu saru tlett tentattivi fit-3 ta'

Awissu 2023, 5 ta' Settembru 2023 u 26 ta' Settembru 2023 sabeix tiġi notifikata iżda lkoll kienu negattivi.

4. Rat illi fil-11 ta' Ottubru 2023 saret il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern (fol 45).

5. Rat illi fis-17 ta' Ottubru saret l-affissjoni fl-indiizz 53, Triq Salvu Psaila, Birkirkara, kif ukoll fl-Għassa u Kunsill Lokali ta' Birkirkara (fol 47 tergo).

6. Rat illi fit-8 ta' Novembru 2023 saret fil-gazzetta lokali Orizzont (fol 50) filwaqt illi fid-9 ta' Novembru 2023 saret il-pubblikazzjoni fil-gazzetta Malta Independent (fol 51).

7. Rat illi fil-30 ta' Novembru 2023, meta ssejħet il-kawża, l-intimata ma dehritx, u l-Qorti ddikjarat li l-intimata kienet kontumaċi.

8. Rat illi fit-30 ta' Novembru 2023, ir-rikorrenti ddikkjaraw illi ma kellhomx provi x'jippreżentaw u nsistew illi l-Qorti tgħaddi għas-sentenza.

9. Rat illi fit-30 ta' Novembru 2023, abbażi tal-Artikolu 158 (10), il-Qorti, qabel ma tgħaddi biex tagħti s-sentenza, ikkonċediet żmien lill-intimata biex fiha tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub biex tiddefendi ruħha kontra t-talba rikorrenti.

10. Rat illi l-kawża kienet differita għal-11 ta' Diċembru 2023, għal dak il-għan.

11. Rat illi, meta ssejjħet il-kawża fil-11 ta' Dicembru 2023, l-intimata reġgħet ma dehritx u ma ressqet ebda sottomissjonijiet bil-miktub.

12. Rat illi għalhekk, il-kawża kienet differita għallum għas-sentenza.

13. Rat illi l-Qorti ma għandha ebda raġuni għaliex ma tilqax t-talbiet tar-rikorrenti.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti tal-kawża;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** l-ewwel talba u tiddispensa mis-smigħ tal-kawża a tenur tal-**Artikolu 167 et seq. tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta** u tiddeċiedi l-kawża skond proċedura speċjali sommarja; u

Tilqa' t-talbiet l-oħra u għalhekk:

**Tiddikjara** li l-konvenuta Natalia Alexandrovna Menshova ma għandha ebda titolu fuq il-fond terran bl-isem "Venus" bin-numru tlieta u ħamsin (53) fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, u għalhekk:

**Tordna** lill-konvenuta Natalia Alexandrovna Menshova sabiex fi żmien ġimgħa mil-lum tiżgombra mill-fond terran bl-isem "Venus" bin-numru tlieta u ħamsin (53) fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, u tagħti lill-esponenti ċ-ċwievet kollha tal-istess.

Bl-ispejjeż kollha a kariku ta' l-intimata.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**